

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 671/2007

tal-11 ta' Ġunju 2007

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwoti f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

(1) L-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 <sup>(2)</sup> jiffissa l-kwoti ta' lamtu tal-patata għall-Istati Membri produttori għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 u 2006/2007.

(2) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1868/94 l-allokazzjoni tal-kwota fil-Komunità hija bbażata fuq rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill. Skond ir-rapport preżentat lill-Kunsill ir-riforma reċenti ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni fis-settur taz-zokkor għandha tittieħed f'konsiderazzjoni fl-analiżi ta' l-iżviluppi fuq is-suq tal-lamtu. Madankollu r-riforma taz-zokkor tiġi applikabbli bis-sħiħ b'mod gradwali fuq perijodu transitorju. Għalhekk, sakemm ikun hemm indikazzjoni ta' l-effetti tal-bidu ta' din ir-riforma fuq is-settur tal-lamtu tal-patata, il-kwoti għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 għandhom jinferxu fuq sentejn oħra.

<sup>(1)</sup> Opinjoni ta' l-24 ta' April 2007 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 197, 30.7.1994, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 941/2005 (ĠU L 159, 22.6.2005, p. 1).

(3) L-Istati Membri Produtturi għandhom jallokaw il-kwoti tagħhom għal perijodu ta' sentejn fost il-manifatturi kollha ta' lamtu tal-patata abbażi tal-kwoti għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007.

(4) Il-kwantitajiet użati mill-manifatturi ta' lamtu tal-patata li jaqbżu s-sub-kwoti disponibbli fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 għandhom jiġu mnaqqa fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1868/94.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1868/94 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif jixraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1868/94 huwa b' dan emendat kif ġej:

1. L-Artikoli 2 u 3 għandhom jiġu sostitwiti b'li ġej:

*"Artikolu 2*

1. L-Istati Membri produttori ta' lamtu tal-patata għandhom jiġu allokati kwoti għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 u 2008/2009 skond l-Anness.

2. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness għandu jalloka l-kwota tiegħu fost il-manifatturi ta' lamtu tal-patata għall-użu fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 u 2008/2009 abbażi tas-sub-kwoti disponibbli għal kull manifattur fl-2006/2007, soġġett għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu.

Is-sub-kwoti disponibbli għal kull manifattur għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 għandhom jiġu aġġustati biex jittieħed kont ta' kwalunkwe ammont użat li jaqbeż il-kwota matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 skond l-Artikolu 6(2).

### Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill, qabel l-1 ta' Jannar 2009, rapport dwar il-funzjonament tas-sistema ta' kwoti fil-Komunità, akkumpanjata minn proposti xierqa. Dan ir-rapport għandu jiehku kont ta' l-iżviluppi fuq is-swieq tal-lamtu tal-patata u l-lamtu taċ-ċereali.”

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2007.

2. L-Anness għandu jiġi mibdul bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda jgħodd mill-1 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SEEHOFER

---

## ANNEX

## "ANNEX

**Kwoti ta' lamtu tal-patata għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 u 2008/2009***(tunnellati)*

Repubblika Ċeka	33 660
Danimarka	168 215
Ġermanja	656 298
Estonja	250
Spanja	1 943
Franza	265 354
Latvija	5 778
Litwanja	1 211
Olanda	507 403
Awstrija	47 691
Polonja	144 985
Slovakkja	729
Finlandja	53 178
Svezja	62 066
Total	1 948 761"